# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 4 ta' Frar, 2021**

Avviz tat-Talba numru: **149/2020**

**DR. KEVIN MULLIGAN**
[K.I. NRU. 324872M]

***VERSUS***

**SHARON AQUILINA**
[K.I.. NRU. 341070M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar id-9 ta' Lulju, 2020 fejn l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800.00c) rapprezentanti servizzi professjonali orthodontici u materjal konsistenti f'*upper and lower fixed orthodontic* lill-konvenuta fil-perjodu bejn il-21 ta' Mejju, 2016 u s-16 ta' April, 2018, kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. L-attur talab ukoll l-ispejjez tal-proceduri odjerni u dawk marbuta ma' ittri ufficjali ta' l-20 ta' Frar, 2020 u tal-21 ta' Mejju, 2020 u kif ukoll l-imghaxxijiet legali skond il-Ligi.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mill-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant ghan-nom taghha u/jew xi difensur ghaliha ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha inkluzi d-dikjarazzjonijiet bil-gurament;

Jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi, “*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*.”

Il-paragrafu (b) ta’ l-Artikolu 13 ta’ l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, “*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*.”

Minn qari ta’ din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxix il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma’ lill-parti mharrka f’kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tad-19 ta’ Jannar, 2021 (*a fol*. 16), il-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali, izda nonostanti tali notifika, l-istess konvenuta la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant ghan-nom taghha jew difensur ghaliha fis-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal fl-udjenzi li kienu jmissu wara n-notifika lilha ta’ l-atti biex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Tali konvenuta, ghalhekk, giet dikjarata fi stat ta’ kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, hekk kif registrat fil-verbal ta’ l-imsemmija udjenza (*a fol*. 16).

It-Tribunal ha qies ta’ dak dikjarat bil-gurament fl-udjenza tad-19 ta’ Jannar, 2021, u cioè: “*It-Tribunal sema' lill-Attur Kevin Mulligan, bil-gurament, jikkonferma l-informazzjoni kontenuta fl-Avviz tat-Talba (a fol.2) u illi l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri ta' EUR1,800 ghadu interament dovut mill-Konvenuta u li ebda pagament akkont ma sehh fil-mori ta' dawn il-proceduri. L-Attur Kevin Mulligan ikkonferma ukoll id-dokument a fol.3 ta' dawn il-proceduri*.”

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mill-attrici – u anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f’dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta – it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mill-attur. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal, ezaminati l-istess fil-kwadru probatorju intier, ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-attur s-somma ta’ elf u tmien mitt ewro (€1,800.00c), bl-imghax bir-rata ta’ 8% fis-sena fuq dan l-ammont

ghandhom jibdew jiddekorru mid-9 ta' Lulju, 2020 (data tal-prezentata tal-prezenti kawza) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

Dwar l-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' din il-kawza, izda mhux ukoll dawk marbuta ma' l-ittri ufficjali ta' l-20 ta' Frar, 2020 u tal-21 ta' Mejju, 2020 (peress li ma tressqet l-ebda prova dwar l-ezistenza konkreta taghhom matul il-kawza[1]), huma kollha a kariku tal-konvenuta.

***ft.*** **AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.*** **ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

[1] Il-minimu li kien mistenni mill-attur huwa li kopja ta' dawn l-atti gudizzjarji tigi formalment ezibita fl-atti ta' dawn il-proceduri. Stante li dan ma sehhx, it-Tribunal certament mhux mistenni illi joqghod jikkolma lakuni probatorji li setaw facilment gew indirizzati mill-istess attur.